**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR (EU LAW)**
**ADV. TRIB. ECC. MELIT**

**DISTRETT - QORMI**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Terrence-William Zammit**

**Illum, 7 ta' Novembru, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Terrence-William Zammit, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 432074M, u ċioè illi:

> *"…f'05.08.2019 għall-ħabta ta' 18.52 hrs u 19.20hrs ġewwa dawn il-gżejjer*
>
> *1) Permezz ta network jew apparat tal-komunikazzjoni elettronika għamilt użu ħażin bih.*
>
> *Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9"*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-affidavits eżebiti;

Semgħet ammissjoni li ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li ngħata żmien konsiderevoli biex jirrikonsidra;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Qieset li l-imputat ammetta għall-imputazzjoni mressqa kontra tiegħu, u ċioè li għamel użu mhux xieraq ta' network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika.

**Deċide**

**Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 49 ( ċ) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt Ewro (€500), filwaqt li wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kap 9, tordna lill-imputat sabiex bl-ebda mod ma jinġurja jew jimmolesta lil David Abela, u dan għal żmien sena mil-lum, u dan taħt penali ta' elf Ewro (€1000).**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur